MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 16/2011/1

**Christian Xerri**

**vs**

**Paul Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-13 ta' Marzu 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*It-Tribunal.*

*Ra l-avviz tat-talba illi permezz tieghu l-attur Christian Xerri talab illi l-konvenut Paul Caruana jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn erba mija u tletin Ewro (€2,430)*

*dovuti lilu bhala hlas ta' xoghol ta' tikhil illi huwa ghamel fuq struzzjonijiet ta' Paul Caruana ghall-perjodu ta' bejn Settembru elfejn u disgha (2009) u April elfejn u hdax (2011). Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji spediti lill-konvenut; u bl-imghaxijiet.*

*Illi l-konvenut irrisponda permezz tad-debita risposta, li permezz taghha ecepixxa illi mhux minnu li ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' elfejn erba mija u tletin ewro (€2,430) ghal xoghol imma ghandu jaghti biss is-somma ta' mija disgha u ghoxrin ewro (€129). Eccepixxa wkoll illi t-talba attrici qed tigi respinta stante illi l-ammont mitlub ma' huwiex dovut. Finalment giet ecepita wkoll il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.*

*Semgha x-xhieda mressqa mill-partjiet.*

*Ra d-digriet tieghu moghti fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum.*

*Ikkunsidra;*

*Illi ghalkemm il-partijiet ma jaqblux fil-fatti li waslu ghat-talba ta' l-attur, il-fatti l-ohra kif jemergu huma konkordi. Hekk jirrizulta illi l-attur kien jaghti s-servizzi tieghu ta' bajjad lill-konvenut illi kellu diversi nies ohra imqabbdin*

*mieghu ghall-istess xoghol. L-attur jghid illi kien jahdem mal-konvenut. Il-konvenut jghid illi r-relazzjoni bejn il-partijiet iktar kienet wahda ta' appalt milli ta' impjieg. L-attur jghid illi f'xi zmien huwa ma setax ikompli jahdem klandestinament mal-konvenut minghajr ktieb tax-xoghol u ghalhekk talbu sabiex jimpjegah b'mod ufficcjali. L-attur isostni illi l-konvenut ma tantx kien herqan illi jirregolarizzalu l-pozizzjoni u kien issuggerielu illi jaghmel ktieb tax-xoghol ghalih innifsu bhala self employed imbghad il-konvenut jirrifondilu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali illi jkun hallas. Christian Xerri jsostni illi wara li sar hekk il-konvenut hallaslu l-kontribuzzjonijiet socjali ta' l-ewwel perjodi izda imbghad waqaf ihallasomlu u minkejja li kien jaghtih il-paga kull xahar, il-kontribuzzjonijiet socjali baqghu qatt gew rifuzi lilu kif kien miftiehem.*

*It-tezi tal-konvenut hija wahda aktar semplici. Huwa jghid illi huwa jahdem bhala bajjad u kien jinkariga lill-konvenut bhala sub-appaltatur fix-xoghol illi kien jikkuntratta ghalih hu. Huwa jghid li kien ihallas lill-attur ghax-xoghol illi kien jaghmel. Jiddefendi ruhhu billi jsostni illi peress illi l-attur kien self employed, huwa ma kellu l-ebda obbligi aktar x'jezonora.*

*Illi qabel ma' dan it-Tribunal jidhol fil-mertu propju tal-kwistjoni hemm zewg eccezzjonijet ta' natura preliminari illi dan it-Tribunal ihoss illi huwa mitlub li jindirizza qabel il-mertu ghaliex f'kaz ta' xi akkoljiment ta' xi wahda minnhom kull indagini fil-mertu tkun wahda inutli. Dawn huma t-tielet eccezzjoni tal-konvenut fejn jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta); u l-punt imqajjem fit-trattazzjoni mill-konvenut illi fl-avviz promutur l-attur qed jitlob hlas imsemmi ghal xoghol mentri fit-trattazzjoni tal-kaz irrizulta illi dak li qed jitlob l-attur fil-maggior parti tieghu ma huwiex xoghol izda rifuzjoni tal-kontribuzzjonijet tas-sigurta socjali.*

*Dwar il-preskrizzjoni imressqa, cioe' dik ai termini ta' l-Artikolu 2148 (A) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u erba (2004) fis-sentenza fl-ismijet* ***Langdale Limited et vs John David Limited*** *inghad:-*

*'Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza riportata a* ***Vol. XLII P III p.1151****, il-preskrizzjoni stabbilitafl-Artikolu 2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifice li jipprestaw l-opra taghhom filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) il-prsekrizzjoni tirriferixxi ghall-kreditti ta' dawk li fihom tkun prevalent l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol –opus- minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet;*

*Din l-ahhar dispozizzjoni –Artikolu 2149 (a) – tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148 (a) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semiplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appalltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f'dan is-sens* ***"Lawrence Formosa et –vs- Anthony Borg propio et nomine"****, Appell 27 ta' Jannar 1997;*

*Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in ispecje h dik riposrtata a* ***Vol.XXXVIII P III p 710.*** *Fiha infatti ntqal dan:- "Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghl taghhom, u mhux ghal-locatio operis li ha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta'*

*mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."*

*Insenjament iehor utli dwar l-istess kap ta' preskrizzjoni, moghti mill-istess Qorti ta' l-Appell Inferjuri huwa dak fis-sentenza* ***Manny Camilleri vs Ian Schembri*** *deciza fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn gie ribadit*

*"Fil-kawza fl-ismijiet* ***"Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat"*** *il-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 18 ta' Mejju 1929 gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 "non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opera da loro eseguite e pei materiali da loro forniti ……."*

*Dak l-artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali junu servew* ***(Vol. XL.I pl. p347)****. F'dan il-kaz aktar minn opra hemm mill-presetazzjoni ta'l – "opus" minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghljiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet".* ***(Vol XLII pIII p1151; "Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri et",*** *Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;* ***"Gio Maria Camilleri –vs- John Licari et"****, Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972;* ***"Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mericeca"*** *Appell, 29 ta' Mejju 2000).*

*Fuq l-istess linji huma sentenzi ohra bhal* ***Borg vs Testaferrata Bonnici*** *deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu ta' l-elf disgha mija tmienja u hamsin (1958) fil-Qorti ta' l-Appell (Vol XLII, Prt. 1, Pg. 153) u* ***Emanuel Callejja vs Anthony Portelli nominee*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-disgha u ghorxin (29) ta' Novembru ta' l-elf disgha mija wiehed u sebghin (1971) (mhix publikata).*

*Similment gie deciz fil-kawza **Mizzi nomine vs Delicata** propio et nomine deciza fl-erbatax (14) ta' Ottubru ta' l-elf disgha mija erba u hamsin (1954) (Vol. XXXVIII, Prt.3, Pg. 710) u Appelli Civili **Muscat vs Tabone** deciza fit-tmintax (18) ta' Frar ta' l-elf disgha mija tlieta u sittin (1963) (Vol. XLVII, Prt. 1, Pg.102) kif ukoll fis-sentenza **Dr. Giovanni Bonello nomine vs AIC Joseph Xuereb et nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf dsigha mija erba u sebghin (1974) (mhix pubblikata) u fid-decizzjoni moghtija wkoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-hamsa (5) ta' Ottubru ta' l-elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono.”***

*Jirrizulta ghalhekk illi kemm jekk wiehed jaccetta t-tezi tal-konvenut illi r-relazzjoni bejnu u bejn l-attur kienet wahda ta' appalt zgur ma hijiex applikabbli l-preskrizzjoni imsemmija fl-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Similment lanqas jekk dan it-Tribunal jaccetta t-tezi ta' l-attur illi hu kien haddiem tal-konvenut lanqas ma hija applikabbli din il-preskrizzjoni. Ma huwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jindaga liema artiklu huwa applikabbli ghal kaz. Il-preskrizzjoni hija materja ta' natura koxjenzjuza u sta ghal min jeccepija illi jindika l-artikolu b'mod preciz u jipprova t-trapass taz-zmien. Ghalhekk galadarba l-preskrizzjoni indikita mill-konvenut ma hijiex dik applikabbli tal-kaz, dan it-Tribunal ghandu jieqaf hawn u l-ebda indagni ohra ma hi permessa. Ghalhekk lanqas huwa kompitu utli ta' dan it-Tribunal illi jidhol f'aspetti jekk xi terminu preskrittiv gie interrot, sospiz jew irrinunzjat. Ghaldaqstant galadarba l-artikolu tal-preskrizzjoni indikat ma huwiex dak korrett dan it-Tribunal qed jichad l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*It-tieni punt ta' natura preliminari huwa dak sollevat mill-konvenut fit-trattazzjoni tal-kaz fejn gie ritenut illi ghajr somma zghira ta' mija u disgha u ghoxrin ewro (€129) il-*

*bqija ta' l-ammont mitlub jirraprezenta rifuzjoni ta' hlas ta' kontribuzzjonijet tas-sigurta socjali, u ghalhekk l-attur kien skorrett meta fl-avviz tat-talba huwa indika illi l-ammont intier mitlub huwa dovut "bhala hlas ta' xoghol ta' tikhil" illi huwa irrenda. L-attur jaqbel ukoll illi ghajr ghas-somma ta' mija u disgha u ghoxrin ewro (€129) il-bilanc huwa dovut bhala rifuzjoni ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali. F'dan ir-rigward jigi osservat illi dan it-Tribunal huwa mahluq specifikament biex jghaggel jippresta gustizzja f'kazijiet fejn l-ammont mitlub ma huwiex wiehed gholi. U biex din il-gustizzjja tigi reza malajr kemm jista jkun u bl-anqas problemi, dan it-Tribunal huwa ezentat mill-formalizmu zejjed u huwa mitlub jiddeciedi skond l-ekwita. Dan kollu gie sommat fis-sentenza moghtija mll-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) fis-sentenza* ***Publius Micallef vs Sunroute Company Limited*** *fejn intqal:-*

*Issa hu minnu li fil-kumpless tieghu l-Att V ta' l-1995 jipprovdi certament ghall-proceduri spediti u sommarji (Art 9(2)(a), snelliti minn regoli sagramentali ta' procedura. Dan, mod jew iehor, jista jigi traccjat minn disposizzjonijiet varji ta' l-Att billi fihom insibu li:*

*(a) Il-Gudikatur mhux marbut bl-esigenzi dwar l-ahjar prova (Art 9(2)(b)).*

*(b) Il-Gudikatur ghandu jevita kemm jista' jkun milli jahtar esperti (Art 9(2)(c)).*

*(c) Il-procediment ma jitqiesx invalid minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita (Art 9 (3)). Ovvjament iridu dejjem jitharsu l-principji ta' gustizzja naturali (Art 9 (1) u fondamentali ghal smiegh xieraw quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti sancita fil-Kostituzzjoni u fil-*

*Konvenjnoi Ewropeja (Vide '**Emaneul Caruana nomine – vs- Elanie Cachia"**, Appell, 22 ta' Novembru 1996).*

*(d) L-aggudikazzjoni ssir skond il-principji ta' l-ekwita (Art 7 (1)). "Tajjeb li jinghad li l-Att V ta' l-1995 kien gie mahsub biex jaghti diskrezzjoni lit-Tribunal biex jekk hemm bzonn dan joqghod fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwita u mhux ikun marbut b'parametri strettament legalistic" **("Peter Mifsud et –vs- Joseph Camilleri"**, Appell, 26 ta' Ottubru 2001.)*
*(e) Ghall-fini tas-summarjeta' l-Artikolu 13 imbghad jipprovdi testwalment illi jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza u terga tonqos fid-data li fiha l-kawa tkun giet differita, l-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba.*
*Apparti dan, f'din il-materja dan it-Tribunal ihoss li ghandu jiehu wkoll linja ta' gwida mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell - Inferjuri fit-tmintax (18) ta' Jannar ta' l-elfejn u tnax (2012) fl-ismijet **Paul Sultana vs Tonio Schembri propio et noe.** F'dak il-kaz it-talba mill-attur ghal senserija kontra persuna illi kienet estate agent u ghalhekk la meqjusa bhala venditur u lanqas kompratur. F'cirkostanzi normali azzjoni ta' senserija kontra tali persuna ma kinitx tregi. Izda l-Qorti f'dik is-sentenza kellha dan xi tghid:-*

*"Illi hija f'dan il-kuntest li l-pendenza odjerna giet deciza, u ser tigi deciza, tenut kont tal-fatt li sond **l-artikolu 7 tal-Kap 380** "It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita".*

*Illi dan ifisser li l-principju ta' l-ekwita huwa bazilari fid-decizzjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista' jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur*

*necessarjament lil hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta.*

*Illi f'dan il-kaz jidher car li l-appellant ma kienx la venditur u lanqas kompratur, u allura teknikament l-azzjoni ta' senserija u sic fil-konfront tieghu ma treggix. Izda la darba huwa accettat li per ekkwipolens treggi anke taht dan il-kuncett ta' senserija, l-azzjoni ta' kumpens ta' servigi resi, u dan fejn l-attur jirrizulta li jkun ghamel xoghol tali li l-intervent tieghu kien ikkontribwixxa izda mhux wassal sabiex jintlahaq ftehim bejn il-venditur u x-xerrej ghall-bjegh jew trasferiment tal-propjeta' mmobbli, mela allura taht dan il-kuncett ta' hlas ta' kumpens ghal servizzi resi, certament li l-azzjoni attrici treggi kontra l-appellat, iktar u iktar meta d-dettami tal-principji tal-ekwita' jigu applikati, (kif it-Tribunal kien tenut li jaghmel b'dispozizzjoni espresso tal-Ligi) ghall-kaz odjern."*

*Applikati dawn il-principji ghal kaz odjern, skond ma' jippretendi l-attur, r-rifuzjoni tal-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali kienet parti minn dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' bejniethom. Ghalkemm strettament ir-rifuzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma hijiex "xoghol ta' tikhil", din ir-rifuzjoni hija parti mill-kuntratt illi bhala l-oggett principali tieghu kellu "x-xoghol ta' tikhil"; b'din ir-rifuzjoni tkun accessorja ghal tali oggett principali. Ghalhekk ma jistax jinghad illi t-talba ghal rifuzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali hija kompletament estranja u ma tinkwadrax ruhha b'xi mod jew iehor f'dak illi qieghed jitlob l-attur, specjalment jekk applikati l-principji suesposti. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu din is-sottomissjoni tal-konvenut qeghda tigi wkoll respinta.*

*Il-mertu huwa wiehed ftit kumpless fejn il-verzjonijiet tal-partijiet huma diametrikament opposti ghal xulxin. Izda gie ritenut f'bosta okkazzjonijiet fil-gurisprudenza nostrana illi nuqqas ta' qbil bejn il-verzjonijet ma ghandux iwassal*

*necessarjament sabiex il-gudikant jirkeb fuq l-iskappatoja tad-dubju u jirrigetta t-talba attrici. Il-gudikant huwa msejjah sabiex fuq bilanc ta' probabilitajiet jizen liema wahda mill-verzjonijiet l-iktar ghandha mis-sewwa u huwa biss fil-kaz u fl-eventwalita illi ma jhossux seren u moralment konvint illi hemm xi verzjoni illi tirkeb fuq l-ohra, illi ghandu jqis bhala l-kaz mhux pruvat minhabba d-dubju u jirrigetta dak il-kaz li jkollu quddiemu.*

*Fil-kaz odjern anke wara illi sema' lill-partijiet u osserva l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda u l-mod kif xehdu, jhoss illi l-verzjoni ta' l-attur ghandha aktar mis-sewwa. L-attur ma talabx ghal rifuzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali kollha izda iddistingwa bejn dawk li kien diga thallas u talab dawk li ghadu ma thallasx. Dan minkejja illi ma kienu jezistu l-ebda ricevuti ghal dan li kien diga thallas taghhom. Minn naha l-ohra jidher bic-car illi l-konvenut minkejja li ried ikollu mieghu l-haddiema ma riedx li jkollu l-obbligi ta' principal bl-oneri li tali obbligi jistghu jgibu maghhhom. Mix-xhieda tieghu stess jirrizulta illi l-haddiema kollha li kellu mieghu tul dawn is-sitt snin, ma kienux haddiema impjegati mieghu bil-ktieb tax-xoghol. It-Tribunal ma jemminix illi dawn in-nies impjegati mal-konvenut kienu kollha self employed kif jallega hu. Haddiem partikolari li xhed f'dan il-kaz ma qalx hekk. Aktar hu vero simili illi dawn il-haddiema kienu impjegati mal-konvenut klandestinament minghajr ktieb tax-xoghol u minghajr drittijiet ta' haddiema. L-abbli difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni taghha ssemmi u tidhol f'aspetti ta' causa illecita. Izda t-Tribunal josserva illi jekk hemm xi kawza illecita din kien qieghed johloqha l-konvenut u hadd aktar.*

*It-Tribunal lanqas jemmen lill-konvenut meta dan jghid illi records tal-haddiema li kienu mieghu ma kienx izomm u l-uniku records illi ghandu kienu ta' Christian Xerri biss. Christian Xerri jirrizulta li kien wiehed fost dawn il-haddiema illi refa rasu biex is-sitwazzjoni tieghu tinbidel u*

*tigi regolarizzata. Fil-mod kif kien jahdem l-konvenut, tinkwadra perfettament l-allegazzjoni ta' l-attur illi kien il-konvenut li offrielu illi jkompli jahdem bhala self employed, imbghad hu (cioe' l-konvenut) jirrifondilu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali li jkun hallas. It-Tribunal jemmen illi l-konvenut ma kellu l-ebda ghazla ohra ghajr illi jaccetta dan it-tip ta' ftehim. Ftehim illi ghalkemm beda jigi onorat, sussegwentament spicca skartat minn l-istess konvenut illi preferixxa jerga ghal dak li kien qabel u cioe' li jhallas lill-attur is-sieghat tax-xoghol kull xahar u daqshekk. Difatti mill-istatements esebiti f'dan il-kaz dwar kemm sieghat u granet kien jahdem l-attur mal-konvenut, frankament jista jinghad illi l-attur ma kien self employed xejn izda kien jahdem biss mall-konvenut Paul Caruana.*

*It-Tribunal ghalhekk ihoss illi t-talba ta' l-attur hija wahda gustifikata. Hija gustifikata wkoll it-talba ta' l-attur ghall-hlas ta' mija u disgha u ghoxrin ewro (€129) rapprezentanti xoghol bil-gurnata illi l-konvenut innifsu jammetti fir-risposta tieghu. Wara illi t-Tribunal ra d-dokumenti CS3 sa CS8 konsistenti f'ricevuti ta' kontribuzzjonijiet socjali u wara li ra ill l-ahhar ricevuta cioe' dik relativa ghal kontribuzzjoniet tas-sigurta socjali ghal April tas-sena elfejn u hdax (2011) hija mnaqqsa pro rata peress illi l-konvenut sa l-ahhar ta' Marzu elfejn u hdax (2011), it-Tribunal jemmen ukoll illi l-ammont mitlub huwa wiehed gustifikat.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta' l-attur, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba mija u tletin ewro (€2,430) bl-imghax mill-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut.*

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Paul Caruana datat 30 ta’ Marzu 2012 fejn talab lill-Onorabbli Qorti sabiex tannulla s-sentenza tat-Tribunal ghal Tabliet Zghar tat-13 ta’ Marzu 2012 u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat Christian Xerri tal-24 ta’ April 2012, fejn ghar-ragunijiet migjuba fl-istess risposta r-rikors tal-appellant Paul Caruana ghandu jigi respint, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-2 ta’ Lulju 2012 fejn deheret Dr. Angele Formosa ghall-appellat u deheret Dr. Justyne Caruana ghall-appellant. Dawn trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Novembru 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li t-talba attrici saret sabiex isir hlas ta’ xoghol ta’ tikhil u mill-provi rrizulta li l-unika ammont dovut f’dak ir-rigward kien ta’ €129. Il-bqija tas-sorte pretizi kienu allegati kontribuzzjoni ta’ sigurta’ socjali li thallsu mill-appellat bhala self employed li skond huwa kellhom jigu rifuzi mill-appellant, u dan ma kienx il-mertu tal-azzjoni kif imposta u allura t-talba attrici kellha tigi milqugha biss fl-istess ammont.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti u mill-korp tal-istess decizjoni jirrizulta li l-azzjoni attrici kif kontenuta mit-talba kif proposta kienet ibbazata fuq valur ta’ xoghol ta’ tikhil. Il-provi kollha juru li hlief ghall-ammont ta’ €129, l-ammont kollu l-iehor mitlub fis-sorte kienu proprju rifuzzjoni ta’ sommom ta’ rifuzzjoni li l-appellat hallas u kien qed jipprentendi li l-appellant kellhu jhallsu ghaliex kien hemm ftehim f’dan is-sens.

Mela allura l-kawzali proposta mill-appellat/attur hija ghall kollox differenti minn dak li effettivament jirrizulta mill-provi u fil-verita’ ma ghandu x’jaqsam xejn mat-talba attrici; l-

oggett tat-talba ghall-ammonti oltre dak fuq indikat, huwa kompletament differenti minn dak minnu pretiz, u il-*causa* hija ghal kollox differenti u certament li fuq dan il-punt biss l-azzjoni attrici ma setghatx tirnexxi ghall-ammont ulterjuri ta’ €2,301.

Illi kif iddecieda t-Tribunal imur hafna oltre minn dawk li huma l-principji ta’ ekwita’ kif spjegati fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Paul Sultana vs Tonio Schembri propio et noe.”** (A.I.C. (RCP) – 18 ta’ Jannar 2012) u dan ghaliex jirrizulta car li bejn il-kuncett ta’ senserija u servizzi resi hemm certa’ affinita’ kif jirrizulta mill-gurisprudenza konstanti, fejn talba jekk ma twassalx ghal senserija, tista’ twassal ghall-ammont moghti ghal servizzi resi, ammont li jkun inqas minn dak kieku dovut bhala senserija. Dan b’sentenzi tal-Qorti, ahseb u ara f’decizjonijiet ta’ Tribunal, li jridu jimxu fuq principju ta’ ekwita’.

F’dan il-kaz ghas-somma fuq indikat, mill-kawzali proposta mill-attur ghal dak li effettivament qed jirrizulta li qed jirreklama hemm qabza kbira u fil-verita’ ma hemm l-ebda relazzjoni ta’ xejn bejn dak mitlub u dak li effettivament kien qed jippretendi l-attur – li certament ma kellu x’jaqsam xejn ma’ valur ta’ xoghol ta’ tikhil. Mela allura t-talba kif proposta ma tirrizultax fl-ammont indikat u hawn hija relevanti r-riflessjoni li ghamel l-appellant li t-talba kif proposta kienet cara f’dak li qed tghid, u l-attur huwa marbut biha u ma jistax juza l-istess ghal kawzali kompletament differenti, ghaliex altrimenti dan ikun qed jippregudika lill-parti l-ohra, li hija tenuta li tiddefendi l-azzjoni kif proposta, u mhux kawzali ohra li ma tirrizultax assolutament mit-talba, b’mod li l-parti mkarrka ma ghandhiex issofri pregudizzju (**“Philip Tabone vs Concrete Mis Limited”** (P.A. – 28 ta’ Lulju 2004); **“Raymond Bezzina vs Anthony Galea”** (A.C. – 30 ta’ Marzu 1998).

Illi bil-mod kif mexa t-Tribunal meta accetta dak li kien qed isostni l-attur fuq dak li hija verament talba ghar-rifuzzjoni ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ socjali li hallas l-appellat, huwa kien qed ibiddel il-lasti tal-kawza, ghaliex certament

li dan ma ghandu x'jaqsam assolutament xejn ma' kif giet imposta l-kawza.

Il-mod kif kien imharrek l-appellant certament ma kienx jinkludu dak li huwa pretiz mill-appellat u allura jigi li l-appellant irrisponda ghal dak li gie mharrek ghalih, izda gie kkundannat u inzamm responsabbli ghar-ragunijiet u kawzali li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-azzjoni kif proposta, dejjem fuq l-ammont rapprezentanti tali talba ghar-rifuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet imhallsa. B'hekk hija wkoll korretta l-osservazzjoni tal-appellant li allura gew miksura mit-Tribunal il-principji tal-gustizzja naturali u ta' smiegh xieraq skond kif espressi ukoll fis-sentenzi **"Emanuel Caruana nomine vs Eliane Cachia"** (A.C. – 22 ta' Novembru 1996); **"Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd."** (A.C. – 19 ta' Mejju 2004); **"Avv. Dr. Antonio Caruana vs Caterina Gerada"** (Q.K. – 18 ta' Ottubru 1968); **"Antonio Sammut vs John BelleMcCance"** (P.A. – 29 ta' Mejju 1946); **"Alfred Sant nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (A.C. – 4 ta' Marzu 1992).

Tali sentenzi jimponu li kull Tribunal ghandu josserva l-principji ta' nemo judex in *causa propria, audi alteram partem,* li l-gustizzja trid mhux biss issir izda tidher li qed issir, il-kuncett ta' *fair hearing,* u *equality of arms*, u l-ghoti ta' raguni ta' motivazzjoni tas-sentenza.

Dan ifisser li bil-mod kif mexa t-Tribunal, dawn il-principji kollu gew ippregudikati ghaliex ta decizjoni fuq oggett li lanqas remotament ma jista' jigi kkunsidrat li jaqa' taht il-kawzali u t-talba attrici, izda jikkontrasta sew mal-istess, u allura gie li t-Tribunal iddecieda fuq kawzali li qatt ma kienet proposta mill-attur bil-mod kif ghamel il-kawza.

Ovvjament f'dan il-kuntest jinghad li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-kawza odjerna giet deciza fuq principji ta' ekwita' anzi jidher li bis-sentenza kif moghtija saret ingustizzja manifesta mal-appellant ghaliex gie misjub responsabbli ghall-kawzali li lanqas qatt ma kienet proposta kontra tieghu, u kienet allura differenti minn dak li gie mharrek dwarha.

Din ma hijiex kwistjoni ta' semplici apprezzament ta' provi u jmur hafna oltre milli jigi ezaminat jekk it-Tribunal mexa skond il-principji ta' ekwita', (**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380).** Dan ghaliex id-decizjoni tippekkja fl-applikazzjoni tal-Ligi hazin f'dawk li huma l-elementi procedurali bazilari, u wkoll fuq is-sustanza tal-azzjoni li hija kellha tiddeciedi dwarha, fejn it-Tribunal ma qaghadx fuq dak li gie mitlub jiddeciedi, izda mar kompletament oltre u dahal f'terran li qatt ma missu dahal fih, proprju ghaliex dik mhux il-kawza li kellhu quddiemu.

Ma hemmx dubju li ghalhekk l-appell kif propost jaqa' fil-limiti ta' appellibilita' quddiem din il-Qorti ghaliex hemm vjolazzjoni serja tal-principji tal-Ligi u ta' Ekwita' li pregudikat f'dan il-kaz lill-appellant ( **"Stephen Chetcuti et vs Cycle World Limited"** (A.C. – 12 ta' Jannar 2001); **"John Attard vs Charles Agius"** A.I.C. – 14 ta' Gunju 2001); u **"Gasan Insurance Agency Limited vs Doris Zammit"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Jannar 2001) u dan kollu fl-ambitu tal-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap. 380.** Dan apparti dak li jipprovdui l-**artikolu 8 (3) tal-Kap. 380.** Mela allura s-sottomissjonijiet tal-appellat f'dan ir-rigward qed jigu michuda.

Mela allura l-aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Illi similment fid-dawl tal-premess, la darba l-appellant kien lest u dispost li jhallas l-ammont ta' €129, u allura sar zball mill-attur appellat (**"Maria Concetta Scicluna vs Carmelo Meli et"** (A.C. – 5 ta' Gunju 1997) mela allura l-ispejjez tal-kawza u ta' dan l-appell ghandhom jigu ssoportati mill-appellat.

**<u>III. KONKLUZJONI</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-appell interpost mill-appellant Paul Caruana fir-rikors tieghu datat 30 ta' Marzu 2012, b'dan li din il-Qorti tirriforma u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi "Christian Xerri vs Paul Caruana" (Avviz**

**Numru 16/2011/KM) datata 13 ta' Marzu 2012, b'dan li minflok tilqa' t-talba attrici kif proposta quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar (Ghawdex) u b'hekk tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-appellat is-somma ta' €129 dovuti lill-appellat bhala bilanc minn somma akbar ghal hlas ta' xoghol ta' tikhil li huwa ghamel fuq struzzjonijiet tal-appellant kif indikat fl-istess talba.**

**Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-appellant, izda bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-appellat Christian Xerri proprju minhabba dak hawn deciz.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------